# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag.Jur. (Euro. Law)***

***<u>Drogi 248/01</u>***

***Pulizija***
***Spettur Neil Harrison***
***vs***
***Michael Azzopardi***

Illum 18 ta' Frar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotti kontra l-imputat hija bazati fuq ir-reati ta' **pussess illegali semplici ta' medicina ristretta u psikotropika (ecstacy) fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Lulju 2001.**

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghhu, u ghaldaqstant din tinstab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-**fedina penali** nadifa ta' l-imputat, minn naha l-ohra ma tistax tinjora l-gravita' tal-kaz

emanenti mill-fatt li l-erba' pilloli instabu fuq l-imputat meta dan kien qieghed gewwa diskoteka. In quantu ghal *quantum* tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-**ammissjoni** ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri.

U ghalhekk l-Qorti jidhrilha li ghanda timponi piena fuq l-imputat adegwata sabiex isservi bhala deterrent effettiv.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputata hatja skond l-akkuzi ai termini tal-Reg. 8. GN 292/39; u tikkundannah ghal piena ta' ***multa ta' tliet mitt lira Maltin (LM 300)***

In fine tordna id-destruzzjoni tad-droga esebita akura ta' l-ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat ghal dan l-iskop.

Il-Qorti spjegat lill-imputata is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***